MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1165/2003

**HSBC Bank Malta plc. C-3177**

**Vs**

**Cleanwell Services Limited, Charles Lebrun u Anna Lebrun**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-Bank attur avvanza somom ta’ flus tramite facilita’ bankarja ta’ overdraft lis-socjeta’ konvenuta **Cleanwell Services Limited**, liema ammont ta’ flus hekk misluf b’overdraft gie sussegwentement kristallizat f’kont msejjah ‘RLN’, fl-ammont principali ta’ Lm49,532.66 (disgha u erbghin elf hames mija u tnejn u tletin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu);

Premess illi l-kont tas-socjeta’ konvenuta Cleanwell services Limited mal-Bank attur huwa passiv fis-somma ta’ Lm52,120.01 (tnejn u hamsin elf mija u ghoxrin Lira Maltija u centezmu) rappresentanti in kwantu ghal Lm49,532.66 (disgha u erbghin elf hames mija u tnejn u tletin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu) somma kapitali, u in kwantu ghal Lm2,587.35 (elfejn hames mija u sebgha u tmenin Lira Maltija u hamsa u tletin centezmu) rappresentanti interessi akkumulati bir-rata ta’ 8% fis-sena sad-data tal-25 ta’ Awissu 2003, skond il-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok “A”,

Premess illi in forza ta’ numru ta’ “*Gurantee Forms*” ezegwiti mill- konvenut Charles Lebrun bejn il-11 ta’ Frar, 1999 u s-16 ta’ Jannar, 2001 (Dok “B”, “C”, “D”, “E” u “F”) l-istess Charles Lebrun ikkostitwixxa ruhu personalment garanti solidali mas-socjeta’ konvenuta Cleanwell Services Limited ghall-obbligazzjonijiet tal-imsemmija socjeta’ debitrici limitatament ghas-somma globali ta’ Lm43,000 (tlieta u erbghin elf Lira Maltija) oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez relatati mal-avvanzi moghtija lis-socjeta’ konvenuta mill-Bank attur, kif spjegat fil-kundizzjonijiet elenkati fil-“*Guarantee Forms*” relattivi;

Premess illi in forza ta’ numru ta’ “*Guarantee Forms*” ezegwiti mill-konvenuta Anna Lebrun bejn il-11 ta’ Frar, 1999 u t-30 ta’ Lulju, 1999 (Dok “B”, “C” u “D”) l-istess Anna Lebrun ikkostitwiet ruhha personalment garanti solidali mas-socjeta’ konvenuta Cleanwell Services Limited ghall-obbligazzjonijiet tal-imsemmija socjeta’ debitrici limitatament ghas-somma globali ta’ Lm6,000 (sitt elef Lira Maltija) oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez relatati mal-avvanzi moghtija lis-socjeta’ konvenuta mill-Bank Attur, kif spjegat iktar car fil-kundizzjonijiet elenkati fil-“*Guarantee Forms*” relattivi;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta Cleanwell Services Limited naqset mill-obbligi taghha ghar-ripagament lill-Bank attur tal-ammont misluf;

Premess illi l-istess socjeta’ konvenuta Cleanwell services Limited, bhala debitur principali, u l-garanti solidali

Charles Lebrun u Anna Lebrun gew interpellati permezz ta’ ittri ufficjali ddatati 8 ta’ April, 2002 (kopji hawn annessi u mmarkati Dok “G”, “H” u “I” rispettivament) biex ihallsu lill-Bank attur l-ammont minnhom dovuti, anki permezz ta’ hlas b’rati mensili, izda baqghu inadempjenti;

Premess illi d-dejn tal-konvenuti fil-konfront tal-Bank attur huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-Bank attur il-konvenuti m’ghandhom l-ebda eccezzjoni valida x’jaghtu kontra din l-azzjoni;

Premess illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzaaajoni u Procedura Civili (Kap12) qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-rapprezentant tal-Bank attur *nomine* u mmarkat bhala Dok “J”;

Ghaldaqstant il-Bank attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal- artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Cleanwell Services Limited, bhala debitur principali thallas lill-Bank attur is-somma ta’ Lm52,120.01 (tnejn u hamsin elf mija u ghoxrin Lira Maltija u centezmu) rappresentanti in kwantu ghal Lm49,532.66 (disgha u erbghin elf hames mija u tnejn u tletin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu) somma kapitali, u in kwantu ghal Lm2,587.35 (elfejn hames mija u sebgha u tmenin Lira Maltija u hamsa u tletin centezmu) rappresentanti interessi akkumulati bir-rata ta’ 8% fis-sena sad-data tal-25 ta’ Awissu, 2003, oltre l-imghaxijiet ulterjuri fuq is-somma kapitali ta’ Lm49,532,66 (disgha u erbghin elf hames mija u tnejn u tletin Lira Maltija u sitta u sittiin centezmu) bir-rata ta’ 8% fis-sena mis-26 ta’ Awissu, 2003 sad-data tal-hlas effettiv; u

3. Tikkundanna lill-konvenut Charles Lebrun, bhala garanti solidali tad-debitur principali, ihallas lill-Bank attur s-somma ta’ Lm43,000 (tlieta u erbghin elf Lira Maltija)

oltre l-imghaxijiet legali fuq din is-somma mit-8 ta’ April, 2003 sad-data tal-hlas effettiv; u

4. Tikkundanna lill-konvenuta Anna Lebrun, bhala garanti solidali tad-debitur principali, thallas lill-Bank attur is-somma ta’ Lm6,000 (sitt elef Lira Maltija) oltre l-imghaxijiet legali fuq din is-somma mit-8 ta’ April, 2003 sad-data tal-hlas effettiv; u

5. Tordna l-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ tal-Bank attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------